

# Il-Miġja tal-Istatwa ta' Santa Venera V.M.



*Charles Scerri*

F'dan ir-ritratt interessanti u storiku għall-Parroċċa tagħna wieħed jilmaħ ġemgħa ta' uċuħ ta' nies sodisfatti, kuntenti u libsin bl-aħjar ilbies. Dawn l-ewlenin Vendriżi, tlieta u disgħin sena ilu kienu qed jiċċelebraw bil-limitazzjonijiet kollha tagħhom il-wasla ta' l-istatwa (il-ġdida) tal-Patruna tal-Parroċċa li għaliha kienet għada kif twaqqfet ftit tax-xhur qabel.

L-istatwa l-ġdida li tirrapreżenta lil Santa Venera Verġni u Martri saret biex tieħu post statwa iżgħar ta' l-istess qaddisa, li sa dak iż-żmien kienet diġa inħadmet mill-istatwarju Ġużeppi Cilia. L-istatwa kienet ġiet ordnata mis-sur Tumas Dalli, mgħaruf bħala 'Majsi', li kien joqgħod fil-pjazza ta' quddiem il-knisja l-qadima, li dak iż-żmien kienet għada kemm saret il-knisja Parrokkjali tar-raħal tagħna.

L-istatwarju li kien intagħżel minn Tumas Dalli biex jidħol għall-biċċa xogħol ta' l-istatwa l-ġdida kien is-sur Karmenu Mallia imlaqqam il-'Lhudi' u li kien joqgħod u jaħdem xogħlu, ta' statwarju, fil-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. Għal din l-istatwa dan l-artist kien tħallas is-somma £36. Dak inhar ta' l-okkażjoni kienet lesta wkoll l-induratura bid-deheb fuq l-istatwa li kienet inħadmet mid-ditta 'Coleiro' tal-Belt Valletta u swiet is-somma ta' £35.10s. Kienet għadha kif iżżanżnet ukoll il-kuruna tal-martri, ir-raġġiera, il-palma u s-salib ta' idejn il-qaddisa li kienu inħadmu mill-arġentier, is-sur Manwel Borġ ta' Birkirkara, u dawn b'kollox kienu swew £17.

Meta wieħed jiftakar is-sitwazzjoni ekonomika imwerha u mqallba li kienet għaddejja minnha Malta fl-ewwel snin ta' wara tmien l-ewwel Gwerra Dinija (1914 - 1918), issib li s-somma ta' £115.10s biex l-istatwa waslet kompluta fir-raħal kienet somma sabiħa u ġeneruża.

F'dan ir-ritratt wieħed jista' jilmaħ u jinnota li l-istatwa l-ġdida kienet diġa fuq il-pedestal li għandha llum, u peress li nafu li dan il-pedestal huwa eqdem mill-istatwa, allura dan ifisser li meta kienet qed tiġi immudellata l-istatwa, l-istatwarju (Karmenu Mallia) kellhu diġa l-qisien tal-pedestall f'idu, għax kieku l-istatwa l-ġdida ma kienetx tiġi daqshekk perfetta fuqu.

Dan il-pedestall sabiħ kien ġie regalat lill-Parroċċa l-'ġdida' mill-komunità tal-Patrijiet Karmelitani tas-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta. Sa dak iż-żmien dan il-pedestall kien jintuża għall-istatwa tal-Beatu Franku li nsibu f'dan

*ikompli f'paġna 59*



*Il-wasla tal-vara*

is-santwarju Marjan. Il-bradella li tidher fir-ritratt kienet ukoll ġiet regalata mill-komunità tal-Patrijiet tal-Belt Valletta u flimkien mal-bankun tagħha din kienet tintuża għall-istatwa ta' l-anġlu kustodju li wkoll insibu fil-knisja tal-Karmelitani.

Meta wieħed jirrealizza dan kollhu, isib li allura l-Vendriżi li jidhru f'dan ir-ritratt kellhom tassew għalfejn ikunu kuntenti u sodisfatti f'din l-okkażjoni speċjali.

Nagħlaq billi nirringrazzja lis-sinjur u s-sinjura Buttiġieg ta' pjazza Santa Venera talli ġentilment għoġobhom jisilfuni dan ir-ritratt oriġinali.


# *Joseph Cauchi*

**Tel : 21 222 737**
**Mob : 99 860 887**

**9, Triq Dun Nerik Cordina Perez**
**Hamrun**




**Ironmongery, Furniture Fittings, Curtain Rails, Household Goods and Electrical Goods**